**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 8 ta' Marzu, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Matthew Vella)**

**vs**

**Emil Alexandru Hrinca**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Emil Alexandru Hrinca detentur tal-karta tal-Identita' Rumena bin-numru 1861124374553 u akkuzat talli fl-4 ta' Marzu, 2017 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. Appartjena ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu [1] ta' Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, f' Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt that l-Att dwar l-istampa;

Akkuzat wkoll talli fl-4 ta' Marzu, 2017 u fil-granet u x-xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

3. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistena ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' kediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn hamest elef Euro (€5000) ghad-dannu tal-kumpanija Bank Of Valletta Limited, APS Bank Limited u HSBC Bank plc.
4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn kull att, kitba jew skrittura falza hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Akkuzat wkoll talli fl-4 ta' Marzu, 2017 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

6. Minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;
7. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, uza l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f' computer jew b' xi mod kiser kwalunkwe mizura ta' sigurta sabiex jakkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A[2] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-25 ta' Mejju, 2018 (esebita a fol. 403 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 83(A)(1)(2)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 337C(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 337C(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 23, 23A, 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta' Lulju, 2018 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet Finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispecie ta' dan il-kaz jirrigwardaw transazzjonijiet mhux awtorizzati minn diversi ATMs f'Malta. Fl-2017 l-Iskwadra ta' Kontra r-Reati Ekonomici ircieviet informazzjoni minn banek lokali li l-ATMs taghhom kienu qeghdin jigu attakkati minn skimming attacks. Fl-4 ta' Marzu 2017 il-Bank of Valletta plc irrapporta li kien qed jesperjenza numru ta' attakki fuq l-ATMs fejn il-klijenti tal-Bank esperjenzaw transazzjonijiet mhux awtorizzati. Il-Bank ghadda lill-Pulizija ritratti ta' tlieta minn nies. Wiehed minn dawn in-nies – Silviu Merica – gie arrestat u fuqu nstabu 9 cards

foloz u €270 fi flus kontanti. Dakinhar wara nofsinhar gie arrestat ukoll l-imputat waqt li kien jinsab quddiem ATM f' Bugibba[1]. Fuq il-persuna tal-imputat instabu 50 card falza u €1100 fi flus kontanti.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija (a fol 10 sa 14 tal-atti processwali) fil-5 ta' Marzu 2017 fejn stqarr li huwa gie l-ewwel darba Malta fit-3 ta' Marzu 2017 u dan wara li kien tkellem ma' certu Christian fuq l-internet. L-imputat kien iltaqa ma' Christian f'Milan u Christian offra lill-imputat sabiex jigi Malta ghaliex kellu bicca xoghol ghalih. Christian hallas il-biljett tal-ajru tal-imputat u l-imputat gie Malta. L-imputat sar jaf f'hiex kienet tikkonsisti l-bicca tax-xoghol biss meta gie Malta. Stqarr li huwa gie wahdu u minn jeddu. Spjega li meta gie Malta minn Franza, fuq istruzzjonijiet moghtija lilu ltaqa ma' persuna hdejn il-Mekka Marine. Din il-persuna haditu go dar fejn kien hemm irgiel ohra. L-imputat ghaddha l-lejl tat-3 ta' Marzu 2017 f'din id-dar fejn il-persuni li kien hemm fehemuh x'kellhu jaghmel bil-cards. Is-Sibt filghodu huwa ntbaghat San Pawl il-Bahar fejn prova card minnhom sabiex jara tahdimx u gibed €250. Mar lura d-dar u ta' l-flus lin-nies li kien hemm li qalulu sabiex ifittex fuq l-internet l-ATMs li ried imur fihom. Ghal habta ta' nofsinhar tnejn minn dawn il-persuni wasluh Birkirkara b'karozza Skoda bajda u beda jipprova l-cards. Huwa gibed il-flus skont l-availability li kellhom il-cards. Minn Birkirkara ha taxi lejn San Pawl il-Bahar fejn kienet id-dar. Huwa ta' lil dawn il-persuni l-flus u l-cards kollha li kellu fuqu u nghata batch ta' cards ohra. Mar Bugibba bil-karozza tal-linja u ghamel tlett transazzjonijiet. Hekk kif ghamel it-transazzjonijiet gew il-Pulizija u arrestawh. Stqarr li waqt l-arrest huwa kien jaf li l-cards li kellu fuqu kienu

[1] Xhieda tal-Ispettur Matthew Vella fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2017 (a fol 74 sa 81 tal-atti processwali), PC 1413 Antoine Agius fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2017 (a fol 187 u 188 tal-atti processwali) u PC 1281 Keith Bugeja fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2017 (a fol 363 sa 365 tal-atti processwali)

foloz u kkonferma li kellu fil-pussess tieghu €1,100. €200 kienu tieghu u l-bqija gibidhom mill-ATM ta' Bugibba fi tlett transazzjonijiet permezz ta' tlett cards foloz. Fil-pussess tieghu instabu madwar 50 card falza. Huwa gibed madwar €6,000 jew €7,000. Dwar il-persuni li baghtuh jaghmel it-transazzjonijiet kien jaf lil persuna wahda b'isem ta' Christian izda sahaq li x'aktarx isem din il-persuna kien fil-fatt Silviu. Dan kien jafu ghaliex meta beda jitkellem ma' din il-persuna fuq Facebook Messenger kien jidher isem Silviu. Ikkonferma li r-ritratti murija lilu mehuda f'Rahal Gdid, Bulebel u l-Gzira kienu tal-persuna li taghtu l-biljett tal-ajru u kkonferma li l-persuna l-ohra li kienet fir-ritratt kienet prezenti wkoll fid-dar. Stqarr li l-arrangament kien li huwa jaghmel it-tranzazzjonijiet u ta' dan ix-xoghol kien ser jithallas €1,000 minn Silviu izda ma lahaqx thallas ghaliex inqabad mill-Pulizija. Spjega li ma kienx gie specifikat lilu wara kemm cards kien ser jigi mhallas. L-imputat cahad li huwa kien involut fl-iskimming tal-ATMs.

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2017 xehed l-Ispettur Matthew Vella (a fol 74 sa 81 tal-atti processwali). Spjega li wara li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu il-Pulizija ghamlet perkwizizzjoni fl-appartament numru 3, Triq il-Katidral, San Pawl il-Bahar li rrefera ghalih l-imputat fl-istqarrija tieghu fejn irrizulta li l-persuni nvoluti kienu lahqu harbu u l-appartament instab battal. Waqt it-ttfittxija fl-appartament instabu provi li l-imputat kien iltaqa ma' Silviu Merica stante li nstabu rcevuta ta' Casino bl-isem ta' Silviu Merica u l-biljett tal-ajru tal-imputat (Dok. MV. 20 u Dok. MV 21a fol 82 u 82A tal-atti processwali). L-Ispettur Vella esebixxa (i) ritratti ta' persuna li kienet prezenti fl-appartament meta l-imputat ghadda l-lejl hemmhekk (Dok. MV 22 u 23 a fol 83 u 84 tal-atti processwali), (ii) faxxiklu (Dok. MV 24 a fol 85 sa 161 tal-atti processwali) konsistenti fi 32 rapport

li l-Pulizija rceviet fiz-zmien ta' meta saru r-reat, (iii) lista ta' tranzazzjonijiet li saru b'dawk immarkati sofor huma n-numri tal-cards illi nstabu fuq il-persuna tal-imputat (Dok. MV 25 a fol 162 tal-atti processwali) u (iv) listi kompleti tal-cards kollha li nstabu fuq l-imputat tal-klijenti tal-Bank of Valletta plc, HSBC Bank Malta plc u APS Bank Malta Ltd (Dok. MV 26,27 u 28 a fol 163 sa 165 tal-atti processwali rispettivament).

Illi fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2017 xehed Alexander Paul Miruzzi, Head of Security tal-Bank of Valletta plc (a fol 52 sa 56 tal-atti processwali) li spjega li fi Frar 2017 id-dipartiment tas-sigurta tal-Bank ircieva diversi rapporti li l-ATMs tal-Bank gew attakkati b'zewg tekniki – (i) insert skimmer fil-card reader tal-ATM u (ii) eavesdropping device fejn tithaffer hofra taht il-card reader u jitpogga apparat sabiex tinsteraq id-data tal-klijent waqt li jitwahhlu cameras fittizji biex jittiehdu l-pins. Ix-xhud esebixxa ritratti tat-tekniki li ntuzaw u li nstabu fuq l-ATMs tal-Bank (Dok. PM. 1 sa Dok. PM. 5 a fol 57 sa 61 tal-atti processwali). Fl-4 ta' Marzu 2017 ix-xhud gie nfurmat mill-Customer Service Centre li klijenti tal-Bank rcevew messaggi ta' transazzjonijiet mhux awtorizzati. Mis-sistema tas-sigurta tal-Bank kien jidher l-imputat jaghmel it-transazzjonijiet. Ix-xhud esebixxa seba' ritratti li juru lill-imputat vicin l-ATMs (Dok. PM 6 sa Dok. PM 12 a fol 62 sa 68 tal-atti processwali) u lista tat-transazzjonijiet u attentati ta' transazzjonijiet li saru fl-4 ta' Marzu 2007 (Dok. PM 13 a fol 69 tal-atti processwali). L-ammont ta' transazzjonijiet kien €12,000 filwaqt li t-tentattivi ta' transazzjonijiet lahqu €20,500. Inoltre l-Bank inkorra hsarat li saru fuq l-ATM fl-ammont ta' €4,173.31 (Dok. PM 14 a fol 70 tal-atti processwali) u spiza ta' €35,000 sabiex jinbidlu l-cards. Ix-xhud rega' xehed fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2017 (a fol 190 sa 192 tal-atti processwali)

fejn esebixxa lista ta' tranzazzjonijiet mhux awtorizzati li sehhew fl-4 ta' Marzu 2017 (a fol 194 sa 196 tal-atti processwali). Spjega li l-attakki saru f'San Pawl il-Bahar, Birkirkara Branch, Birkirkara Civic Centre u Bugibba. L-ammont mehud minn dawn it-tranzazzjonijiet kienu ta' €8,750. Saru aktar tentattivi izda ma ingibdux flus ghaliex il-card holders jew ma kellhomx flus bizzejjed jew intlahaq il-limitu tat-tranzazzjoni. Ix-xhud prezenta wkoll 4 CD's bil-filmati fejn jidher l-imputat quddiem l-ATMs u jaghmel it-tranzazzjonijiet (Dok. AD 1 sa AD 5 a fol 193 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2017 John Galea, Fraud Manager tal-HSBC Bank Malta plc xehed (a fol 168 sa 171 tal-atti processwali) li sa dakinhar tax-xhieda tieghu il-Bank esperjenza 7 kazijiet fejn il-klijenti tal-Bank ingibdulhom flus minghajr awtorizzazzjoni permezz ta' cards duplikati. Dawn it-tranzazzjonijiet jammontaw ghal €3270. Spjega li dan gara ghaliex il-klijenti jkunu wzaw card tal-HSBC Bank Malta plc f'ATMs tal-Bank of Valletta plc li jkollha skimmer u b'hekk tittiehed l-informazzjoni u l-card tigi duplikata. Ix-xhud spjega li t-tranzazzjonijiet saru mill-Gzira, Bugibba, Rahal Gdid, Birkirkara u Tas-Sliema u esebixxa lista tal-entrati u tal-klijenti (Dok. JG 1 a fol 175 tal-atti processwali).

Illi fl-istess udjenza xehed ukoll David Galea fil-kariga ta' Compliance Officer mal-APS Bank Malta plc (a fol 172 sa 174 tal-atti processwali). Xehed li l-Bank ma soffriex danni fl-ATMs tieghu izda 4 klijenti irraportaw li ngibdulhom flus minghajr awtorizzazzjoni f'total ta' €8970. Ix-xhud rega' xehed fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2017 (a fol 197 sa 200 tal-atti processwali) fejn esebixxa lista ta' tranzazzjonijiet (Dok. DG 1 a fol 201 tal-atti

processwali) tal-4 klijenti li ghamlu r-rapporti. It-tranzazzjonijiet saru bejn is-27 ta' Frar 2017 u l-4 ta' Marzu 2017 minn ATMs tal-APS Bank Malta Ltd f'San Giljan, Swatar, Zejtun, Rahal Gdid, H'Attard, Mosta u tranzazzjoni wahda saret fl-ATM tal-Bank of Valletta plc f' Rahal Gdid. Fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2017 ix-xhud esebixxa 8 filmati tal-ATMs (Dok. DG 2 a fol 212 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2017 xehed l-Avukat Stephen Farrugia Sacco li gie nominat mill-Qorti bhala espert fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2017 sabiex johrog stills minn Dok. DG 2 u Dok. AD 1 sa AD 4. Ir-rapport tieghu (Dok. SFS 1) gie esebit fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2017 (a fol 219 sa 360 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tat-13 ta' April 2018 Dr John Seychell Navarro xehed (a fol 379 sa 382 tal-atti processwali) li huwa gie nkarigat mill-Qorti sabiex jaghmel rapport tal-assi tal-imputat. Fis-seduta l-Qorti ezentat lix-xhud milli jipprezenta t-tkomplija ta' tali rapport sabiex jigu evitati spejjez. Ix-xhud esebixxa l-ittra u audit sheet li ntbaghtet lill-entitajiet, ittra li tikkonferma l-esebit depozitat fir-Registru tal-Qorti, ittra minghand Western Union u ricerka tar-Registru Pubbliku (Dok. JSN 1 sa JSN 5 a fol 384 sa 396 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2018 din il-Qorti laqghet it-talba tal-Bank of Valletta plc sabiex jigi kkunsidrat bhala parti offiza ai termini tal-Art.410(3)(4)(5) tal-Kodici Kriminali kif ukoll saret talba sabiex il-flus kontanti misjuba fuq l-imputat jghaddu a favur tal-parti offiza sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti.

**L-Artikolu 83A tal-Kodici Kriminali**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 83A tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-assocjazzjoni ta' tnejn jew aktar nies ghal fini ta' kummissjoni ta' reat. Illi dan id-delitt tal-kongura gie promulgat fil-Ligi penali taghna permezz tal-Att numru III ta' l-2002. L-ghan ta' din d-disposizzjoni kien li tissahhah il-glieda kontra l-kriminalita' organizzata. Fil-kaz tal-imputat il-Prosekuzzjoni irriteniet li ghandhom japplikaw is-sub-incizi (1), (2) u (5) tal-Artikolu 83A liema sub-incizi jipprovdu s-segwenti:

> "83A (1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar, jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlieta sa seba' snin.
>
> (2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba' snin
>
> (5) L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta".

Illi fis-sentenza "Il-Pulizija vs Fabio Zulian" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2015 intqal is-segwenti dwar ir-reat in dizamina:

> Evidentement japplikaw ir-regoli ġurisdizzjonali kontenuti fl-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-provi jidher li l-għaqda twaqqfet barra minn Malta, jew fl-Italja jew, kif tirrimarka l-ewwel Qorti stess, fir-Rumanija u għalhekk l-appellant ġie li kien jappartjeni għal dik l-għaqda li twaqqfet barra minn Malta. Issa, is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 83A jipprovdi:
>
> "L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta.
>
> B'dan is-subartikolu il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin qed tiġi estiża għal għaqda mwaqqfa Malta li jkollha bażi jew li tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta. Dan is-subartikolu ma japplikax bil-kontra. Għalhekk l-appellant ma setax jinstab ħati taħt l-artikolu 83A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi dan ifisser ghalhekk l-Artikolu in dizamina jiddisponi li l-gurisdizzjoni tkopri dawk il-kazijiet fejn l-ghaqda tigi mwaqqfa hawn Malta u attivitajiet tal-ghaqda jew il-bazi taghha tkun barra minn Malta. Mill-assjem tal-provi fil-kaz odjern ma jirrizultax jekk l-ghaqda gietx imwaqqfa Malta jew f'pajjiz iehor u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jistghax jitqies li tirizulta r-rejita' ghall-ewwel imputazzjoni.

**L-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali – it-tieni imputazzjoni.**

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghha l-Prosekuzzjoni precizat li t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. It-tieni akkuza titratta l-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali li jiddisponi:

> 48A. (1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.
>
> (2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.
>
> (3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan tal- assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.
>
> (4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.

Illi sabiex jigi applikat dan l-artikolu jrid jigi determinat liema hu r-reat li tieghu il-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li tieghu l-assocjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Ghalhekk ir-reat ta' assocjazzjoni jrid jigi abbinat ma' tali reat – fil-kaz odjern frodi lil Bank of Valletta plc. Inoltre almenu wiehed mill-assocjati jrid ikun f'Malta. Kif tgħid il-liġi stess, l-assocjazzjoni tibda tezisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tigi ppjanata jew miftiehma bejn l-assocjati. Mic-cirkostanzi tal-kaz jidher illi tali pjan tfassal Malta. L-imputat stqarr li meta ltaqa ma' Christan jew ahjar Silviu f'Milan huwa ma kienx jaf x'bicca xoghol ried jaghmel Malta. Izda meta wasal Malta fit-3 ta' Marzu 2017, ittiehed f'dar San Pawl il-Bahar u hemmhekk gie spjegat lilu x'kellu jaghmel bil-cards. L-ghada filghodu huwa mar jipprova l-cards kif gie spjegat lilu u ghamel l-ewwel tranzazzjoni minn

San Pawl il-Bahar fejn gibed €250. Inoltre fl-istqarrija l-imputat stess gharaf lil Silviu, u ta' l-indirizz ta' San Pawl il-Bahar lill-Pulizija fejn fil-post instabu ircevuta ta' Casino bl-isem ta' Silviu Merica u biljett tal-ajru tal-imputat. Mill-assjem tal-provi rrizulta li l-istqarrija tal-imputat saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi. Fil-fehma tal-Qorti ir-reat ta' assocjazzjoni li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tat-tieni imputazzjoni jista' jitqies pruvat sal-grad rikjest mill-ligi abbazi ta' dak li qal l-imputat stess fl-istqarrija minnu rilaxxjata.

**L-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali**

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby" deciza fit-12 ta' Frar, 1999:

> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bilkonsegwenti qligh ghal agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim.,20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar

> Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56).”

Illi l-Artikolu 308 jaqra hekk:

> “Kull min, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta’ ħaddieħor...”

Illi l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghall-kazijiet ohra ta’ qerq mhux imsemmija fl-Artikolu 308. Jipprovdi:

> Kull min, bi ħsara ta’ ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta’ priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.

Illi jekk wiehed jezamina l-atti li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jirrizulta li l-agir tieghu kien jikkonsisti f’uzu ta’ credit cards foloz. Fl-agir tieghu ma kien hemm l-ebda raggir jew mise en scene - ma kien hemm hadd li kien qed jikkonvinci bl-atteggjament tieghu ghaliex fil-fatt huwa uza magna tal-ATM u ghalhekk ma uza l-ebda premessi, luzingi, jew gideb li jirrivesti bi kredibilita l-affermazzjoni menzognieri tal-frodatur. Ghalhekk l-agir tal-imputat jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 309 u mhux taht l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

**L-Artikoli 184, 189, 337C(1)(f) u 337C(1)(i) tal-Kodici Kriminali**

Illi permezz tar-raba’, l-hames, is-sitt u s-seba’ imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 184, 189, 337C(1)(f) u 337C(1)(i) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li:

> Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.

Filwaqt li l-Artikolu 189 jghid:

> Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan it-Titolu, jeħel il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b’abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta’ priġunerija minn seba’ xhur sa sena.

Illi l-ewwel artikolu jitkellem dwar uzu xjenti ta’ dokumenti foloz filwaqt lit-tieni artikolu jirreferi ghal kazijiet ohra ta’ falsifikazzjoni u uzu ta’ dokumenti foloz. Iz-zewg artikoli jitkellmu fuq uzu ta' dokumenti foloz u ghalhekk huwa mportanti li l-Qorti tara x’inhi t-tifsira ta’ “dokument” u jekk l-uzu ta’ cards foloz jaqax taht t-tifsira tal-kelma “dokument”.

Illi fis-sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu 1999 fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija v Godfrey Grima” u kkonfermata fil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta’ Ottubru 1999 gie dikjarat li uzu ta’ telecard falza ma tammontax ghal uzu ta’ dokument falz u fil-fatt il-Qorti kienet ghamlet suggeriment sabiex isir tibdil fil-ligi meta qalet li:

> “Forsi wasal iz-zmien, minhabba teknologija moderna, li ssir emenda fil-ligi fis-sens li minhabba l-fatt li t-teknologija moderna rigward l-uzu ta’ electronics qeghda dejjem tizdied u tikber, wasal iz-zmien li nzidu xi kliem bhal credit cards, telecards, discs, tapes, sound tracks jew kull device iehor li jirrekordja jew jistorja informazzjoni b' uzu elettroniku jew mekkaniku taht l-intestatura ta’ ‘dokument’ biex b’hekk it-tifsira tal-kelma ‘dokument’ tinghata tifsira akbar.”

Illi fl-emendi li saru ghal Kodici Kriminali fis-sena 2002 fl-artikolu 189A insibu tifsira gdida tal-kelma “dokument” u cioe:

> Għall-finijiet ta’ dan it-Titolu, "dokument", "għodda", "skrittura" u "ktieb" jinkludu kull kartonċina, disc, tape, soundtrack jew mezz ieħor li fuqu jew fih tkun jew tista’ tiġi rregistrata u maħżuna informazzjoni b’mezzi mekkaniċi, elettroniċi jew mezzi oħra.

Illi dwar l-ahhar zewg akkuzi dawn l-Artikolu 337C(1)(f) u (i) jipprovdu:

> 337Ċ. (1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta’ reat kontra dan l-artikolu –

(f) tieħu pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom;

…

(i) tuża l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha

Illi jirrizulta li card li wiehed juza biex jigbed il-flus minnhom jikkwalifikaw bhala mezz li fuqhom tista' tiġi rregistrata u maħżuna informazzjoni b'mezzi mekkaniċi u elettroniċi. Inoltre mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta li huwa kien jaf li l-cards kienu foloz sahansitra minn qabel ma ghamel l-ewwel uzu taghhom u kellu wkoll fil-pussess cioe 'fil-kontroll tieghu il-kodici tal-cards li uzahom sabiex gibed il-flus billi nserih fl-ATM cjoe kontroll. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti tirrizulta r-rejita' ghar-raba', l-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll l-ammonti konsiderevoli involuti u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda mhux fil-massimu imponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-25 ta' Mejju 2018 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31,48A, 309, 310 (1)(a), 184, 189, 189A, 337C(1)(f) u 337C(1)(i), 23, 23A, 23B, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf, erba mija, tmienja u tmenin Ewro u hamsa u erbghin Ewro centezmi (€1488.45[2]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha maqbuda f'dawn il-proceduri.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[2] Rapport ta' Dr Steven Farrugia Sacco pg 219-360 €1488.45